# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Ġunju, 2011 fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar (3pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

1. Interview lil applikanta ta' Skrivana ġdida.

Is-Segretarju qal li l-Kunsill laqgħa l-applikazzjonijiet għal skrivan/a prospettiva li diġa huma impjegati ma' xi kunsill lokali. Kien hemm biss applikazzjoni waħda eliġibbli u li kienet tas-Sinjorina Anthea Vella. Għalhekk Anthea Vella ġiet mitluba tiġi għal intervista fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sinjorina Anthea Vella aċċettat tiġi għal din il-laqgħa u intalbet tidħol.

Il-Kunsill laqgħa lis-Sinjorina Anthea Vella u wara li sarula xi mistoqsijiet il-Kunsill iddeċieda li l-applikanta għandha tiġi impjegata mal-Kunsill propju għaliex raha li hija persuna affidabbli u abbli ħafna biex taħdem dan ix-xogħol. Kulħadd qabel li tintgħażel Anthea Vella apparti is-Sur Stephen Mizzi li astjena mil-ġudizzju.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Punti Mqajjma mill-Minuti**

2.1. Il-Kunsillier Stephen Mizzi beda biex issuġġerixxa li il-Punti imqajjma mil-Minuti tibda issir qabel l-Approvazzjoni tal-Minuti kemm fl-Agenda kif ukoll fil-Minuti stess. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment u ser jibdew isiru hekk.

2.2. Is-Sur Mizzi ried jiċċara li f' Punt numru 5.2.3. tal-Minuti ta' qabel huwa qal li l-kazin ma semmih fl-ebda ħin. Għalhekk is-Sur Mizzi ried li jikkwota il-korrezzjoni kif ġej:

"Is-Sur Stephen Mizzi issuġġerixxa lil Kunsill sabiex il-bandli jibda jinfetaħ filgħodu u jingħalaq filgħaxija. Dan minħabba n-numru ta' complaints minn nies minħabba id-dgħa, sustanzi fil-post, u atti oxxeni li qed isiru u għaldaqstant Stephen issuġġerixxa li l-bandli jinfetaħ fis-7am u jingħalaq fl-10pm. Is-Sinjura Rose Roberts issuġġeriet li isir passaġġ  sabiex il-każin tal-labour minn wara ma jkunx magħluq mil-aċċess. Is-Sur Mizzi għal din ir-reazzjoni issuġġerixxa li nħallu ċavetta mal-Barman tal-każin sabiex ikollu l-via libera tar-rixtellu u jkun jista jiftħu u jgħalqu.

Rose imbgħad ilmentat li mhux sew li ngħabbu l-barman bil-piż li titħalla ċavetta fil-każin għaliex jekk titwaddab xi ħaġa il-każin ser ikun responsabbli."

2.3. Is-Sur Mizzi xtaq isaqsi fuq il-Van li kellu jinxtara x'sar minnu. U qal li tajjeb isir l-agreement ma' Burmarrad Commercials Ltd ta' 4,200 u li jsir bil-pick up u il-kaxxa tal-freezer li kellu tingħata lil Kunsill ukoll. Rigward il-van li kienu sellfulna ma jistax jitħallas penny għaliex qatt ma kellna ftehim għal kirja.

2.4. Rigward il-ħsara fuq il-van tal-hut il-Kunsill qabel li tinġieb kwotazzjoni ta' parts second hand u nirrangawlu bil-fondi tal-Kunsill minajr ma' nqabbdu l-insurance.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti**

3.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament wara li jsiru dawn l-emendi.

**4. Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda**

4.1. Kwotazzjonijiet –

Is-Segretarju qal li kellna 6 tipi ta' kwotazzjonijiet sabiex ikunu parti mil-proġett tal-Housing Estate.

L-ewwel kwotazzjoni li nġiebet għall-approvazzjoni kienet tal-korsijiet tal-kompjuter fejn kien hemm applikant wieħed li kien it-TCTC fejn il-prezz kien jitratta f' €1010 għal kull set ta' korsijiet Learn IT għal tfal u l-istess prezz għal Adulti. Bħala prezz jinvolvi 85 persuna u f'kaz li jkun hemm inqas jigi kkalkulat l-ammont pro rata.

Kulħadd qabel li tingħażel l-offerta tat-TCTC. Fuq din il-Kwotazzjoni ġie maqbul ukoll li l-istudenti ikunu kollha mill-Housing Estate galadarba il-Housing authority ma jaċċettawx li ikollna studenti minn barra l-Housing Estate.

Kwotazzjoni oħra kienet ta' Power washer u Generator. Hawn kien hemm ukoll applikant wieħed pero meta inġiebet għall-approvazzjoni il-Kunsill ra li l-prezzijiet huma għoljin wisq għal dak li qiegħed ifittex il-Kunsill, għalhekk ser jinġiebu kwotazzjonijiet oħra fuq dan ir-rigward.

Rigward il-kwotazzjoni taż-żebgħa tat-toroq kien hemm żewġ applikanti u il-Kunsill iddeċieda li tingħażel il-kwotazzjoni tal-Galaxy minħabba li hija aktar vantaġġuża fil-prezz.

Kwotazzjoni oħra kienet dik tal-Bankijiet ta' l-injam fejn kellna erbgħa applikanti. Wara li ġew evalwati intgħażlu il-bankijiet tas-Sur Anton Zarb li kienu dawk li intlaqtu l-iktar bħala estetikament.

Rigward il-Kwotazzjoni tal-manutenzjoni tal-bankijiet kellna biss offerta waħda pero ma intgħażlitx minħabba li il-Kunsill iddeċieda li hija għolja għal budget.

Is-Sindku biex jikkonkludi fuq din it-tema qal li dawn ix-xogħlijiet iridu isiru sa l-aħħar ta' Settembru għaliex marbutin b'kuntratt mal-Housing Authority.

**5. Stqarrjiet varji**

5.1 Is-Sindku qal li rigward it-toroq l-Asfaltar kella l-aħħar default u bgħatnijielu bil-miktub. Is-Sur Salerno qal li qatt ma waqqalna wiċċna l-art daqs din id-darba.

Is-Sur Salerno qal li hu tkellem mal-Perit Bezzina u hu qallu li fi Triq Sant Anġlu diġa ħażż il-livelli għalhekk issa imiss lil Asfaltar biex jibda x-xogħol. Rigward it-Triq taċ-ċimiterju is-Sindku qal ukoll li il-problema li kellna issa ġiet solvuta wara li tkellem mas-sidien ta' l-għelieqi li ser jgħaddi il-pipe tad-drain minn ġo fihom pero bil-kundizzjoni li ix-xogħol jitlesta qabel awwissu minħabba li ikun l-ix-xahar fejn idemmlu l-għelieqi.

Is-Segretarju qara l-ittra li intbgħatet lil Asfaltar fejn ġie iċċarat li l-Asfaltar ser jeħel il-multa ta' €200 kuljum jekk ma jlestix it-toroq kif miktub fuq l-ittra skond id-dati rispettivi.

Is-Sinjura Rose Roberts staqsiet jekk il-biċċa ta' quddiem id-dar tagħha hux ser issir bil-patching ukoll. Is-Sindku u Stephen qalulha li dik ma kienetx parti mil-proġett pilota għalhekk trid issir apparti.

5.2. Is-Sindku tkellem fuq il-leisure park fi Triq San Pietru. Il-Ministeru ta' Jason Azzopardi irid disinn ta' post rikreattiv. Is-Sindku qal li irridu niddeċiedu bejn żewġ temi, fejn waħda hija li immorru għal post li iridu iż-żgħażagħ pero ikun ta' deterrent għan nies tal-madwar jew inkella post rikreattiv u jkun tajjeb għal ġenituri u anzjani. Is-Sindku qal li l-aħjar jaħseb li nagħmlu it-tieni tema fejn imbgħad bħala post rikreattiv għaż żgħażagħ intuhom biċċa fejn tar-Robba.

Is-Sur Mizzi qal li fi Triq San Pietru aħna dejjem tlaqna bl-idea li nagħmluh bħala nursery. B'dan il-mod in-nies kollha ikunu kuntenti għax bħala ħin mhux ser ikun ta xkiel għan nies.

Is-Sinjura Roberts qablet ukoll pero qalet li ma nistgħux li mbgħad ikollna nqabbdu lil xi ħadd biex jingħalaq ukoll. Stephen qal li kiekun f'dak il-każ ikollna lil xi ħadd wieħed u jibda jkun imħallas.

Is-Sindku xtaq kjarifika ta xi rridu nfissru b' nursery u Stephen spjegalu li jkun għat tfal iż-żgħar. Ikun ta' Playing area għat-toddlers. Is-Sur Salerno qal li toġbu l-idea imma magħha xtaq li inżidu biċċa li tkun bħala parti kulturali b' xi opra t'arti. Kulħadd qabel u Stephen issuġġerixxa wkoll li jsir amfiteatru.

Imbgħad Stephen issuġġerixxa li jkollna kuntatt mal-Fakulta ta' l-Arkitettura fl-Universita ta' Malta fejn nissuġġerixxa nagħmlu kompetizzjoni ta' disinji għal da nil-park imbgħad wara liema disinn jiġi magħżul isir il-ġnien fuqu u ir-rebbiegħ jingħata premju.

5.3. Is-Sur Charlie Farrugia talab lil Kunsill sabiex issir laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġI diskussa l-idea ta' skola ġdida fil-kantuniera ta' Triq l-Imdina. Is-Sinjura Rose Roberts qalet imma jekk ser tiġI skola oħra ser jiżdied il-load ta' drenaġġ li fl-aħħar jispiċċa fi Triq Valletta Kirkop kantuniera ma' Triq Danny Cremona fejn is-sitwazzjoni hemmhekk qegħda prekarja ħafna li joħroġ volum kbir ta' drenaġġ ma kull ftit xita li tagħmel.

5.4. Is-Sur Joe Carbone qal li il-bibien tal-Kunsill il-ġdid qed issirilhom ħsara kbira minħabba ix-xemx u issuġġerixxa li tajjeb isirulhom il-ħsajjar biex jilqgħu ix-xemx. Kulħadd qabel ma dan is-suġġeriment.

5.5. Is-Sur Carbone qal ukoll li ġibdulu l-attenzjoni ir-residenti li ħdejn il-mina hemm telqa kbira u tajjeb li nerġgħu nibdew nieħdu ħsiebha għaliex hija fid-daħla tar-raħal.

5.6. Rigward ir-restawr tan-niċċa ta' San Anard ta' mal-kazin tal-football kulħadd qabel li issir u li jkun hemm preżenti security ma' l-iscuffolding biex ma jkunx ta' biża għal kazin tal-futbol li jistgħu jitilgħu miegħu.

5.7. Is-Sur Carbone qal li it-traffic policeman quddiem id-dar tiegħu trid titlaq bħal f'postijiet oħra għaliex qegħdin ikunu ta' xkiel biex wieħed jistrih. L-istorbju li ikun hemm fil-ħemda tal-lejl meta tagħddi xi karozzu huwa kbir li jaħsdek. Għalhekk tajjeb li dawn jinqalgħu isiru aktar l-isfel mir-residenti. Carbone qal li ġiet ukoll is-Sinjura Grace Gauchi u qaltlu li qiegħed jgħaddi ħafna traffic ta' heavy vehicles u qed isir ħafna pollution ta' exhaust u noise.

5.8. Is-Sur Mizzi ried jagħmilha ċara fil-laqgħa li il-klabb tal-futbol irid sierraħ rasu li jekk f'Kirkop 2 jibda jaqleb l-ilma fil-grawnd il-ġdid ser iżomm il-Kunsill Lokali responsabbli għal kull spejjeż jistgħu jinqalgħu.

5.9. Is-Sinjorina Nadia Zammit ilmentat li il-Kuntrattur ta' l-iskart qiegħed idum biex jiġbor l-iskart għaliex qiegħed ikollu ħafna ħsarat bit-trakk irridu inkellmuh biex ma jibqax ikun hemm dan id-dewmien u ibgħatu in-nies tar-raħal.

5.10. Is-Sinjorina Nadia Zammit staqsiet fuq il-bus shelters u kif bqajna fuqhom għaliex s'issa għadhom ma sarux. Is-Segretarju qallha li meta tkellimna mas-Sur Kevin Zahra hu qalilna li dawn il-bus shelters għandhom isiru sat-3 ta' Lulju qabel tibda ir-riforma l-ġdida tat-trasport publiku.

5.11. Is-Sur Mizzi qal li għandna bżonn li nduru dawra s-siġar u nižbruhom mil-kuntrattur għaliex kibru ħafna.

5.12. Stephen qal li jixtieq jinforma l-kulħadd fuq il-korsijiet taz-zumba. Hu spjega li qiegħed ikollna madwar mitt ruħ mifruxa fuq tlett klassijiet fil-ġimgħa pero importanti li il-kunsill mhux qiegħed joħroġ l-ebda penny anzi meta tikkalkula kollox il-Kunsill ġie għamel profit ta' madwar

€400. Meta tinkludi wkoll il-klassijiet tat-tfal u iz-zumba li kienet issir qabel il-Kunsill jibqa bi profit ta' madwar €900.

Stephen qal li galadarba dawn il-klassijiet niżlu tajjeb mar-residenti tajjeb li għal Settembru nerġgħu nibdewhom u nutilizzaw dan il-profit li sar billi nissussidjaw xi klassijiet u noffrulhom il-kors b'xejn.

Is-Sinjura Rose Roberts esprimiet id-diżappunt tagħha fuq żewġ kuntratturi li jaħdmu mal-Kunsill li huma s-Sur Raymond Attard ta' l-iskart u s-Sur Mario Borg tal-qtugħ ta' ħaxix. Rigward is-Sur Attard hemm bżonn qtugħ ta' ħaxix f'toroq bħal Triq ir-Ramlija pero hu qiegħed jgħidilha li hemm mhux fil-kuntratt tiegħu allura qalet f'dak il-każ inkellmu lil min hu responsabbli. Rigward il-ħaxix li għandu responsabilta tiegħu Mario Borg Rose qalet li bħalissa hawn telqa kbira u tixieq li inkellmuh billi nagħmlu laqgħa miegħu u immorru fuq il-post.

**5. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**6.Affarjiiet oħra**

Mozzjonijiet – Rigward il-mozzjoni li ppreżentawhom u ffirmawha is-Sur Mizzi flimkien mas-Sinjorina Nadia Zammit, Stephen qara din l-imsejjħa mozzjoni u wara talab li ssir il-votazzjoni għaliha. Il-Votazzjoni kienet żewġ voti favur u tlieta contra għalhekk din il-mozzjoni ma għaddietx.

Saret ukoll kontra-mozzjoni li ġiet ippreżentata mis-Sindku Mario Salerno u ssekondata mis-Sinjura Rose Roberts. Minħabba li din il-mozzjoni ma ġietx ippreżentata fiż-żmien ta' sitt ijiem qabel il-laqgħa din il-kontra-mozzjoni ma setgħetx diġi diskussa u għalhekk ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss.

**7. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |